# 61. Tliet Aħwa

Kienu tliet aħwa: il-qasab, u l-qasbija,
u l-alka, u tliet aħwa ħassew f'demmhom
ġibda kbira lejn l-ilma, u telqu l-wita
bl-għelieqi tagħha.

U marru lejn il-wied u ma' mixjitu
fonda u mżerżqa qalb il-blat u s-siġar,
waslu sa fuq ix-xtajta ħdejn il-baħar,
iżda hemm infirdu.

Il-qasab reġa' lura u f'żewġ ringieli,
ħodor u twal, b'xuxa tad-deheb fuq rashom,
kiber ma' tul il-wied b'għeruqu fl-ilma
maż-żrinġijiet.

Il-qasbija fix-xtajta baqgħet tirgħa,
nofsha ġol-ilma, mas-sallur u l-gawwi,
u tiżfen żewġ żifniet, waħda maż-żiffa,
l-oħra mal-mewġ.

'Mma l-alka baqgħet miexja w qalbenija
għodsot sal-qiegħ, u tefgħet hemm għeruqha,
tgħatti l-bejtiet taċ-ċeren u s-sirrani
ma' ġenb ir-rizzi;

Biss meta tmut u ssir frakiet sewdiena
il-baħar ireġġagħha fuq ix-xtajta
bħal ġewwa ċimiterju u l-mewġ jgħannilha
is-salm tas-serħ.